MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Numru 441/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**VS**

**EMAN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Eman Zammit, ta’ 26 sena, bin Carmelo u Michelina nee’ Borg, imwieled tal-Pieta’ nhar id-29 ta’ Ottubru, 1979, residenti fil-fond numru 48, Conception Street, Haz-Zabbar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 506579(M);

Akkuzat talli fil-Birgu, Bormla, u f’Haz-Zabbar, nhar it-Tlieta, 9 ta’ Mejju, 2006 ghall-habta ta’ xil-ghaxra nieqes ghaxar minuti ta’ fil-ghodu:

1. Ikkommetta serq bi sgass ta' car stereo tal-ghamla Sony bin-numru serjali CDXCA750 minn go vettura tal-ghamla Peugeot ta' lewn abjad bin-numru tar-registrazzjoni IAO 475, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00) ghad-dannu tas-sid tieghu Claire Saliba minn Birzebbuga;

2. U aktar talli xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00), imma hu izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00);

4. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC 801 Paul Abela bhala ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku.

Fl-ghassa tal-pulizjia ta' Haz-Zabbar, fl-istess jum, ghall-habta ta' xid-disgha ta' fil-ghaxija:

5. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bi storbju u ghajjat;

6. U aktar talli qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha;

7. U aktar talli insulenta lill-Ispettur Anthony Cassar, lil PC 886 E Micallef, lil PC 1290 M Micallef, u kif ukoll lil PC 998 D Caruana, persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u minhabba fil-qadi ta' dmirijiethom, bi kliem dispreggattiv fuqhomm, fuq il-familja u l-mejtin taghhom;

8. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-

Qrati ta’ Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jitghux jigu mibdula jew imhassra.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;.

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 334, 325, 338, 338, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Eman Zammit hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sentejn (2), sospizi ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spejgat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------